KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 9

Is-sitt seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Viċi Sindku |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Illona Fenech | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*9.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 7 u 8;*
*9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*9.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*9.5 Rapporti ;*
*9.6 Items ohra ta' xoghol tal-Kunsill;*
*9.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*9.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*9.9 Mozzjonijiet*
*9.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 9.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

8.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-sinja. I.Fenech, is-sinj W.Vella Baldacchino, kif ukoll is-sinja. V.Galea Pace bagħtu li mhux se jattendu minħabba mard. Rigward il-kunsilliera V.Galea Pace, qal illi avolja ma bagħtitx bil-miktub il-Kunsill kien jaf ir-raġunijiet tagħha. Kien hemm qbil illi r-raġunijiet huma kollha validi u l-kunsilliera bagħtu l-isbaħ xewqat lill-kunsilliera V.Galea Pace

## **9.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR.7 U 8**

9.2.1 Il-kunsillier K.Wain ippropona li Minuti nru 7 jiġu aċċettati. Il-kunsillier E.Borg issekondaħ. Il-Kunsill qabel *Approvazzjoni ta' Minuti nru. 7*

9.2.2 Saru l-arranġamenti fuq Minuti nru 8 kif jidhru fuq id-dokumenti oriġinali. Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier A.Debono ssekondaħ. Il-Kunsill qabel. *Approvazzjoni ta' Minuti nru. 8*

**Il-kunsilliera J.Pillow u P.Portelli daħlu fis-18:15**

## 9.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

9.3.1 Annunciation Sqaure: Is-Sindku qal illi hemm pjanijiet biex il-pjazza tiġi rinovata. Ħareġ il-pjanti li ġew provduti minn naħa tal-Ministeru biex juri kif għanda tiġi, fejn se jkun hemm l-art bil-provido, kif ukoll dawl ġdid.
Waqt diskussjoni ġie wkoll diskuss it-traffic management system fejn Carmel str. tkollha tiġi two-way u jintilfu il-postijiet ta' parkeġġ illi hemm bejn il-Pjazza u triq San Pius. Il-kunsillier D.Muscat qal illi se imur jara kemm hemm postijiet ta' parkeġġ qabel ma l-Kunsill jieħu deċiżjoni.
Il-Kunsill qabel mall-proposta tal-Pjazza.

9.3.2 Chairlifts: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien preżenti għal laqgħa mall-KNPD, kif ukoll ma kuntrattur li bena ġewwa triq Isouard li għamel chairlift illi qed tokkupa l-bankina. Din kienet saret bl-insistenza tal-KNPD u kienu ħarġu ittra waqt il-laqgħa li kienet maħruġa mill-Kunsill Lokali fejn ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni li ssir din ic-chairlift.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn ic-chairlifts qegħdin isiru madwar il-lokalitajiet issa u kien il-KNPD stess illi qalulu li se tkun policy illi dawn isiru biex ikun hemm aċċess għal boutique hotels, eċċ. Waqt il-laqgħa kienu pproponew li l-bankina titwessa avolja kien hemm possibilita li tintilef postijiet ta' parkeġġ in-naħa l-oħra. Is-S.E qal illi kien avzahom illi din se toħloq preċedent u l-problema tal-parking għanda tkun ikkunsidrata qabel ma joħorġu dawn il-policies.
Is-Sindku, kif ukoll il-kunsillier J.Pillow qalu li kien hemm diskors fuq is-sit ta' Isouard [fil-leġislatura preċedenti] izda kien hemm qbil illi ssir chairlift bil-kundizzjoni li c-chairlift tibqa barra l-bieb u mhux fuq il-bankina.
Il-Kunsill oġġezzjona li din il-preċedent issa tibda tkun enforzata f'postijiet oħra.

9.3.3 St. Dorothy: Is-Sindku qal illi l-iskola għamlu talba biex it-tfal juzaw Pjazza Sant Anna biex jagħmlu serata fejn ikantaw Christmas Carols qabel il-Milied. Qal illi din hija tradizzjoni li bdiet ftit snin ilu u intogħġbot ħafna. Il-Kunsill qabel

9.3.4 Dingli str. survery: Is-Sindku qal illi hemm bzonn survey tal-area ta' Dingli str. k/m triq Sir Ġorġ Borg biex din il-parti tat-triq tiġi

inqas perikoluza. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi intbagħtu rikwesti għall-istimi.

Il-kunsillier J.Pillow qal illi din kella ssir mas-survey illi saret mill-Perit tal-Kunsill qabel il-proġett ta' Dingli str. u f'dak il-kaz tintuza dik.

9.3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi f'laqgħa preċedenti kien hemm talba għall-informazzjoni rigward il-mappep illi hemm madwar il-lokalita fejn issa hemm stands għal-leaflets illi ma kienux skont il-permess. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi waqt illi m'hemm l-ebda indikazzjoni dwar fejn jitpoġġew il-leaflets, hemm kuntratt ta' 5 snin li ġiet iffirmata fis-sena 2016 għall-istands bil-mappep.

**Il-kunsillier P.Radmilli wasal għal ħabta ta' 18:40**
**Il-kunsillier A.Debono telaq għal ħabta ta' 18:40**

## 9.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

9.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

## 9.5 RAPPORTI

9.5.1 Street Sweeping: Il-kunsillier K.Wai qal illi huwa evidenti li l-kuntrattur mhux qed jaħdem bi bizzejjed kenniesa.Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mhux se jkun hemm din l-iskuza meta tibda t-tracking tagħhom għax inkunu nafu kemm qegħdin jaħmdu u fejn qegħdin jaħdmu.

Is-Sindku qal illi hu ddispjaċut ħafna bis-servizz illi qed tingħata meta għandna ħafna kuntratti ma dan il-kuntrattur u jippretendi li nieħdu servizz ta' kwalita aħjar milli qegħdin nieħdu. Fakkar illi fil-laqgħa preċedenti l-kunsillier P.Radmilli kien issuġerixxa li qabel ma noħorġu multi niddiskutu mall-kuntratturi x'inhuma dawn il-problemi, izda l-kuntrattu anqas ikkonferma data biex jiġi jiltaqa mall-Kunsill sa ftit qabel il-laqgħa meta ġiet deċiża li għandu jiġi nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru.

## 9.6 ITEMS OHRA TA’ XOGHOL IEHOR TAL-KUNSILL

9.6.1 Il-kunsillier P.Portelli ta rendikont tal-figuri skond is-Social Media tal-Kunsill fejn kien evidenti illi l-Kunsill qed iwassal il-messaġġi via l-paġna tal-facebook, u bil-hits illi qed ikun hemm. Il-Kunsill irringrazzjah għax-xogħol illi qed jagħmel biex izomm il-paġna ‘up to date’ u interessanti għar-residenti.

9.6.2 Ġie deċiż illi sa nofs Jannar il-kunsilliera jibagħtu r-rapporti tagħhom dwar ix-xogħol illi għamlu fl-ewwel sitt xhur, kif ukoll il-vizjoni realistiku tagħhom għad-dekasteri tagħhom għas-sena/snin li jmiss.

9.6.3 Il-Viċi Sindku tat informazzjoni dwar il-laqgħa li attendiet tar-Reġjun fejn intqal waqt il-laqgħa li se jkun hemm fondi għal-V/O’s li jixtiequ jagħmlu attivita, bil-kundizzjoni illi SEDQA jkunu jistgħu jiġu fil-lokalita biex jagħmlu stands/jitkellmu maż-żagħżagħ fuq l-effetti tad-drogi.
Il-Kunsill qabel illi tingħata għajnuna lil Atturi Żagħżagħ Slimizi. .

**Il-Viċi Sindku u l-kunsillier P.Radmilli telqu għal ħabta ta’ 19:10.**

## 9.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA’ KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

9.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapport

## 9.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI

9.8.1 Rigward ix-xiri ta’ floodlights li saru għal taħt il-bankijiet, il-

kunsillier J.Pillow qal darb'oħra dawn għandom jinxtraw mill-aġent biex niffrankaw l-ispejjez.

Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Il-Kunsill qabel.

**9.9 MOZZJONIJIET**

9.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**9.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

9.10.1 Is-seduta ntemmet fis-7.25. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020.

Minuti approvati llum nhar 13 ta' Jannar 2020

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |